MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 107/2009

**Francis Agius**

**-vs-**

**Leonard De Bono**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fil-5 ta’ Frar, 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrent għandu permess minn għand id-Direttur tal-Artijiet biex jokkupa żewġt ikmamar fil-lokalita magħrufa bħala tal-Kuttaf Gandolf, ġewwa Ħal-Kirkop skond l-annessa riċevuta mmarkata dokument A, u ilu jħallas kumpens għal numru ta' snin;

2. Illi l-intimat talab lir-rikorrent jagħmul użu ta' dawn iż-żewġt ikmamar, għal liema talba r-rikorrent

aċċetta bil-kundizzjoni illi jiżgombra ħwejġu minnhom meta jiġi hekk mitlub mir-rikorrent;
3. Illi r-rikorrent qatt ma talab xi forma ta' kumpens mingħand l-intimat għal dan l-użu;

4. Illi l-intimat, minn jeddu u mingħajr ma ġab l-awtorizżazzjoni tar-rikorrent, qabad u applika ma' l-awtoritajiet konċernati sabiex huwa jakkwista s-servizz tad-dawl, għal liema talba r-rikorrent oppona ma' l-awtoritajiet konċernati (dokument B)

5. Illi r-rikorrent talab lill-intimat biex jiżgombra ħwejġu minn ġoż-żewġt ikmarmar u biex jirritorna lura ċ-ċwievet (dokument C u dokument D), iżda l-intimat irrifjuta illi jagħmel dan;

Jgħid għalhekk l-intimat, il-għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat m'għandux raġuni valida fil-liġi biex jibqa' jokkupa tali kmamar;

2. Tordna lill-intimat jiżgombra mill-istess kmamar u jirritorna ċ-ċwievet tal-kmamar lir-rikorrent.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ġunju, 2008 kontra l-intimat illi minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Leonard De Bono ppreżentata fit-3 ta' April, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi fl-ewwel lok l-atturi għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent għandu titolu validu fil-liġi u ilu jokkupa dawn il-kammar għal dawn l-aħħar sbatax-il sena u li matulhom huwa dejjem ħallas il-kera ta' Mitt Lira Maltin [Lm100] fis-sena;

4. Salv eċċezzjonijiet ultjerjuri kif permessi mill-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa l-konvenut Leonard De Bono u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenut jirrilaxxalu l-kmamar imsemmija fir-rikors; il-konvenut qed jeċċepixxi illi għandu titolu ta' kera. Madankollu l-istess konvenut naqas li jressaq provi.

Il-Qorti jidhrilha li l-attur ressaq provi biżżejjed biex it-talbiet tiegħu jiġu milqugħa. Infatti jirriżulta li huwa jħallas il-kera dovuta lid-Dipartiment tal-Artijiet (fol. 28) regolarment. Kif ġia' ingħad il-konvenut naqas li jirribatti dawn il-provi.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------